Kunsill Lokali Balzan
153 Triq il-Kbira
Ħal Balzan

---

**MINUTI TAL WIEĦED u TLETIN LAQGĦA TAS-SEBA' KUNSILL**

**Post:** fis-Sala tal-Kunsill, 153 Triq il-Kbira, Ħal Balzan

**Data:** Il-Ħamis, 24 ta' Ottubru 2013

**Ħin:** Mill-5pm sat-8pm

**Preżenti:**

It-Tabib John Zammit Montebello
It-Sur Joseph Mary Galea
Is-Sur Guido Borg
Is-Sur Desmond Zammit Marmara
Is-Sur Stephen Gatt

## 1. Approvazzjoni tat-Tletin laqgħa tas-Seba' Kunsill.

Fuq il-mejda tal-Kunsill tqegħdu l-minuti tat-Tletin laqgħa ta' nhar l-Erbgħa 2 ta' Ottubru 2013. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

Is-Sindku saqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Il-Kunsill approva. Il-Minuti kienu proposti għall-approvazzjoni mis-Sur Guido Borg, li kien issekondat mill-Kunsillier is-Sur Stephen Gatt. Il-minuti kienu approvati unanimament. Is-Sindku flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iffirmaw il-minuti biex juru li huwa dokument korrett.

## 2. Mill-Minuti

Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li wara li t-talba tal-Kunsill lill-PPCD biex jittranġa z-zuntier tal-Knisja mill-fondi tal-EU ġiet aċċettata, ser toħroġ sejħa pubblika għal dawn ix-xogħolijiet nhar il-5 ta' Novembru 2013.

## 3. Quarterly Financial Report minn Lulju sa Settembru 2013

Is-Segretarju Ezekuttiv qiegħed fuq il-mejda tal-Kunsill ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Lulju sa Settembru (mehmuż)

Ġie msejjaħ l-Accountant tal-Kunsill, is-Sur M. Debono biex jagħti l-kummenti tiegħu fuq dan ir-rapport. Huwa qal li minn dan ir-rapport jidher li s-sitwazzjoni finanzjarja tal-Kunsill hija tajba u li l-Kunsill qiegħed fid-direzzjoni t-tajba ta' kif jintefqu l-flus.

Ir-rapport finanzjarju għat-tlett xhur Lulju sa Settembru 2013 kien propost għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku, is-Sur J. Galea li kien ssekondat mill-Kunsillier Desmond Zammit Marmara'. Ir-Rapport ġie approvat unanimament u ġie ffirmat mis-Sindku u mis-Segretarju Ezekuttiv biex juri li huwa document korrett.

4. **MEPA- PA 2770/13-Applikazzjoni ta' żvilupp fi Triq Il-Ferrovija l-Qadima**

Il-Kunsill iddiskuta l-applikazzjonijiet pendenti tal-MEPA ta' żvilupp fir-raħal ta' Ħal Balzan fejn qed issir qerda ta' ħafna djar bil-ġonna li minflokhom qed jitilgħu blokok ta' flats. Il-Kunsill jemmen li dan l-iżvilupp bla razan ser joħloq ukoll problemi tat-traffiku u ser jgħarraq jew ikompli jgħarraq it-toroq eżistenti ġewwa Ħal Balzan.

Il-Kunsill unanimament qabel li għandha ssir press conference fejn jappellaw lill-awtoritajiet konċernati biex jagħtu l-għajnuna tagħhom biex fil-komunita' ta'Ħal Balzan tiġi mħarsa l-kwalita' tal-ħajja tagħhom li tinsab mhedda.

Ġie deċiż li l-Press Conference ssir nhar l-Erbgħa 30 ta' Ottubru fl-4.30pm

5. **Tender S.S. 1/13- *Manual and Mechanised Street Cleaning*- Aġġudikazzjoni**

Is-Segretarju poġġa fuq il-mejda tal-Kunsill rapport li sar mill-Kumitat ta' Evalwazzjoni fuq it-tenders sottomessi għar-rigward tal-provvista ta' servizzi ta' knis fil-lokalita'.

Il-Kunsill ħa in konsiderazzjoni wkoll il-makkinarju li kien qed jiġi offrut biex jingħata dan is-servizzi ta' dawk li ġew shortlisted mill-Kumitat li kienu Owen Borg, Saviour Mifsud u Innovative Projects.

Is-Sindku kien ta' l-opinjoni li t-tender fiċ-ċirkostanzi preżenti tal-finanzi tal-Kunsill għandu jingħata lill-irħas offerta, f'dan il-każ, it-tieni l-irħas offerta wara r-rakkomandazzjoni fir-rapport tal-Kumitat ta' Evalwazzjoni biex l-irħas offerta li kienet ta' WM Environmental Limited ma tiġix aċċettata wara *default notices* li kienu nħarġu fil-konfront ta' din il- Kumpanija mill-Kunsill tal-Floriana.

Il-Viċi Sindku rrimarka li kultant l-irħis jiġik għoli u għandu jħares ukoll lejn dawk li qabel taw dan it-tip ta' servizz tajjeb lil dan il-Kunsill bħal ma huma il-kuntrattur preżenti Innovative Projects kif ukoll il-Kuntrattur Saviuor Mifsud li fil-passat kienu tawna dan is-servizz mingħajr problemi. Il-Kuntrattur li tefa' l-irħas offerta ma nafux xi jsarraf ħlief għall-informazzjoni mibgħuta minn Kunsill Lokali oħra.

Is-Sur Guido Borg kien tal-istess fehma fejn bħala Kunsill għandna nieħdu in kunsiderazzjoni l-fatturi kollha fl-aħħar mill-aħħar għal ġid tal-Komunita'.

Il-Kunsill għadda biex imur għal vot fejn voti favur kienu tlieta (3) li huma Dr. John Zammit Montebello, is-Sur Desmond Zammit Marmara u s-Sur Stephen Gatt. Voti kontra wieħed (1) li kien tas-Sur Joe Galea. Astensjoni wieħed (1) tas-Sur Guido Borg.

Il-ħatra biex is-Sur Owen Borg jingħata l-offerta ġiet approvata mill-Kunsill u talab lis-Segretarju biex jinfurma lill dawk kollha konċernati fit-tfiegħ tal-offerti b'din id-deċizjoni.

6. **Aġġudikazzjoni ta' Kwotazzjonijiet**

**(a.) Quot O.L.S. 1/13- On Line Live Streaming**

Il-Kunsill talab lis-Segretarju biex jagħmel kjarifika ma' Arrigo Group Limited ta' kemm ser jiġi jiswa' l-istreaming tal-laqgħat tal-Kunsill għat tlett snin ta' wara biex imbgħad il-Kunsill ikun jista' jipproċedi bl-għażla kif ikun il-każ.

**(b) Quot S.C.A 1/130 Supply of Cold Asphalt in bags**

Il-Kunsill qabel li jaċċetta l-offerta ta' Bitmac Ltd peress li kienet l-unika offerta li ntefgħet wara sejħa pubblika.

7. **Korrispondenza**

Ittra Nru 3346: Komunikazzjoni mill-Ministeru tax-Xogħolijiet u Trasport Pubbliku fejn infurmaw lill-Kunsill li ser jiġu installati żewġ charging points fi Pjazza Bertu Fenech għal karozzi li jaħdmu bl-elettriku.

Ittra Nru 3327: Talba minn resident li joqgħod fi Triq San Frangisk biex dik it-triq u l-inħawi ta' madwarha jsir Residential Parking Scheme. Il-Kunsill ħa nota ta' dan imma bħalissa qed issir reviżjoni ta' dawn it-tip ta' skemi mill-Gvern Ċentrali.

Ittra Nru 3321: Talba għal ħlasijiet ta' ħsarat minn Dr. Robert Attard li allegatament qed jgħid li ġarrab xi ħsarat fid-dar tiegħu waqt li kienu għaddejin ix-xogħolijiet fuq it-tisbieħ ta' Pjazza Bertu Fenech. Il-Kunsill ma rċieva ebda rapport tekniku min naħa tiegħu, għalhekk ġie deċiz li l-Kunsill ma għandux jagħmel tajjeb għal dan u talab lill-Avukat tal-Kunsill biex jibgħatlu risposta.

Il-laqgħa kellha tiġi aġġornata peress li kienu għaddew tlett siegħat skont it-terminu tal-liġi

**Għeluq:** Il-laqgħa aġġornata ser ssir nhar l-Ħamis, 31 ta' Ottubru 2013 fid-5pm.

**Dr. J. Zammit Montebello**
Sindku

8/11/13
Data

**Mark Mallia**
Segretarju Eżekuttiv